MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Ittra Numru. 37/2009

**Fl-atti ta’ l-ittra ufficjali datata 16 ta’ Jannar 2009 ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap 12 fl-ismijiet:**

**Tabib Principali tal-Gvern**

**Vs**

**Danijela Pertrovic ID 32355(A)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti, Danijela Pertrovic, wara li ppremettiet illi hi topponi ghall-hlas tas-servigi prestati billi t-talba hija preskritta ai termini tal-artikolu 2149 tal-Kap 16.

Illi wkoll minghajr pregudizzju l-ammont pretiz m’huwiex dovut stante li l-kura moghtija kienet dwar hlas ta’ tqala minn missier Malti.

Talbet umilment li din l-Onorabbli Qorti tichad it-talba kontjenenti fl-ittra ufficjali tas-16 ta' Jannar 2009 stante li hija nfondata.

Rat l-ittra ufficjali in kwistjoni annessa mal-atti a fol 2 u d-dikjarazzjoni guramentata maghmula skond il-ligi u li tinsab a fol 3 tal-istess atti.

Rat ir-risposta tal-intimati (fol 8 u fol 9 tal-atti) li biha espona bir-rispett:-

Illi preliminarjament, permezz ta' l-ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fl-ismijiet premessi, ir-rikorrenti giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammont pretiz mit-Tabib Principali tal-Gvern ta' hames mija u tnax-il ewro u sitta u erbghin centezmu ewro (€512.46) dovuta lilu ghal kura moghtija lil Pertrovic Danijela meta din iddahhlet l-Isptar San Luqa fl-4 ta' Jannar 2006.

Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccezzjoni sollevata mir-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt. Illi l-Artikolu 2149 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) citat mir-rikorrenti mhux applikabbli ghall-kaz odjern u dan peress illi l-kaz odjern ma jirrigwardax l-azzonijiet illi jaqghu taht dak l-artikolu izda jikkoncernaw ammont dovut ghal kura medika u servizz ta' sahha moghtija lir-rikorrent.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuta illi l-ammont m'huwiex dovut stante li kura moghtija kienet waqt il-hlas u li missier it-tarbija huwa cittadin Malti, hija nfondata stante li kura li nghatat lir-rikorrenti u mhux lit-tarbija. Illi r-rikorrenti u missier it-tarbija mhumiex mizzewgin u ghaldaqstant ir-rikorrenti m'hijiex intitolatata ghal kura b'xejn u dana kif provdut fl-Avviz Legali 201 ta' 2004.

L-esponenti talab umilment lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talba tar-rikorrenti filwaqt li tikkonferma illi s-somma ta' hames mija u tnax-il ewro u sitta u erbghin centezmu ewro (€512.46) dovuta lit-Tabib Principali tal-

Gvern ghal kura u servigi bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ittra ufficjali datata 16 ta' Jannar 2009.

Rat id-decizjoni ta' din il-Qorti moghtija fit-3 ta' Marzu 2010 (fol 20 et seq ibid) u li biha giet michuda l-premessa dwar il-preskrizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti in esami huma kif ser jinghad.

Ir-rikorrenti hi l-konviventi ta' Robert Henry Bugeja. Waqt li hi ghandha ic-cittadinanza Bosnijaka, dan tal-ahhar hu cittadin Malti. Minn din ir-relazzjoni twieldet tarbija (ara fol 27 ibid) fl-Isptar ta' San Luqa u, ftit xhur wara t-twelid taghha l-istess tarbija inghatat (fol 29 u fol 37 ibid) ic-cittadinanza Maltija a basi ta' 'naturalization' stante li twieldet f'Malta b'wiehed mill-genituri, l-missier, debitament rikonoxxut cittadin Malti.

Illi l-intimat qed jikkontendi illi r-rikorrenti ghandha thallas lilu s-somma in kwistjoni a bazi tal-Avviz legali numru 201 tal-2004.

Ikkunsidrat

Illi l-Qorti rat u analizzat l-imsemmi avviz legali u tixtieq tirrileva dak li ser jinghad:-

a) L-artikolu 2 (1) (a) (b) jghid illi l-istess regolamenti ma japplikawx ghal min ikun jew kien cittadin ta' Malta jew ghal kull tifel jew tifla taht l-eta ta' tmintax-il (18) sena, ta' persuna msemmija fl-ewwel (1) kategorija. L-istess artikolu jispecifika kategorija ohra ta' persuni li lilhom dawn ir-regolamenti ma japplikawx izda dan il-kaz ma jinkwadrax ruhu taht xi wahda minnhom.

Illi, hu minnu li r-rikorrenti hi ta’ nazzjonalita kif hawn fuq gja ntqal. Pero hu minnu ukoll illi l-missier hu cittadin Malti waqt li t-tarbija twieldet minn din id-‘de facto’ relazzjoni, u saret cittadina Maltija, ftit xhur wara it-twelid taghha ghal kull effett u fini fil-ligi. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti jidher car li dan il-kaz jinkwadra ruhu perfettament taht il-kategorija, specifikata fl-artikolu 2(1) (b) gja citat, in vista li trattasi ta’ ‘… tifel jew tifla taht l-eta ta’ tmintax-il sena’ ta’ persuna …’ li tkun jew kienet cittadin ta’ Malta.

b) L-istess avviz legali jispecifika il-kazijiet ta’ kura u fejqan f’xi sptar jew istituzzjoni ohra tad-Dipartiment tas-Sahha tal-hlasijiet relattivi ghal kull kaz li ghandhom jsiru minn persuni li ma jinkwadrawx ruhhom taht l-artikolu 2 imsemmi.

Dawn kollha jinsabu fl-artikolu 3 u l-Qorti rat u analizzat ukoll dawn il-kazijiet u ma sabet l-ebda referenza dwar x’ghandu jkun il-hlas dovut f’kaz ta’ twelid ta’ tarbija. Filfatt fl-ittra ufficjali in esami semplicement tispecifika ‘kura u servigi moghtija lilha fl-Isptar San Luqa fl-4 ta’ Jannar 2006’ u ma sar l-ebda accenn in konnessjoni ma xi operazzjoni kirurkiga li setghet giet esegwita f’dan il-kaz u ghalhekk il-Qorti ma tistax tghid jekk dan il-kaz sar a bazi tal-artikolu 3(2) tal-istess Avviz Legali. L-istess ghandu jinghad dwar jekk l-ammont in esami hux dovut dwar rikoveru f’’ward’ generali (ara l-artikolu 3(1) (a) ibid). Eskluzi dawn il-kazijiet li, forsi fuqhom hi bazata t-talba ghall-hlas mill-intimat, il-Qorti tara li fin-nuqqas ta’ certezza, anke dwar fuq liema bazi l-ammont in kwistjoni gie likwidat, ir-rikors in esami ghandu jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa’ t-talba in esami waqt li l-ispejjes ta’ dawn il-proceduri fic-cirkostanzi kif esposti, ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------